Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

It- Tnejn 23 ta' Marzu 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.05pm

**22.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

22.1.1 Is- Sna Scerri bgħatet tinfurma lil Kunsill li ma setatx tattendi l-laaqgħa tal-Kunsill peress li kienet tinsab indisposta. Il-Kunsill aċċetta.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

22.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Wieħed u Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

22.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**22.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

22.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li x-xogħol fuq il-pavimentar l-ġdid minn Infrastructure Malta fi Triq Mesquita tlesta.

22.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-proġett ta' fencing madawar Howard gardens b'fondi mill-Kunsill tlesta u għad fadal xi rtokki zgħar mill-kuntrattur. Il-Kunsill nfurma lis- SE li la darba jkollna ċ-certifikazzjoni mill-Perit tal-Kunsill, ikun jista' jsiru l-pagamenti lil kuntrattur.

22.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-plakka li hemm fid-daħla ta' Pjazza San Publiju fejn tikkommemora l'waqa tal-Franċizi mill-Mdina ġiet restawrata mid- Dipartiment tar-Ristorazzjoni.

22.3.4 Is- Sindku wera s-sodisfazzjon li kollox mar sew wara l-Festa ta' San Guzepp fejn sar t-tindif mill- fdalijiet tal- ħruq tan-nar minn ġewwa t- Tomba u Gomorino Bridge.

22.3.5 Is- Sindku infurma lil Kunsill li peress li l-kamera tas- CCTV ġewwa Greeks Gate mhux qed topera, huwa kellem lil handyman tal-Kunsill biex isiru l-arranġamenti meħtieġa f'dak li jirrigwarda l-elettriku għal din il-camera.

**22.4 Sistema Ġdida ANPR- Permessi ta' Dħul ta' Karozzi l-Mdina.**

22.4.1 Il-Kunsill b'rabta' ma' l-applikazzjoni ma LESA għal proġetti fil-kumunitajiet, ġie nfurmat li ser jingħata s-somma ta' € 71,792.00 biex isir xiri u nstallazzjoni ta' sistema elettronika (ANPR) ġdida.

22.4.2 Is- SE ingħata l-inkarigu biex jibda l-proċess u tinħareġ sejħa għal offerti li darba jitlestew it-teknikalitajiet speċifiċi għal din is-sistema.

**22.5 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

22.5.1 Show of Arms- Talba biex nhar it-3 ta' Mejju 2026 ssir parata magħmula minn gruppi ta're-enactment biex jikkommemoraw lil Robert Grima, wieħed minn shabhom li miet dak nhar tal-Medieval Mdina li saret fl-2025. Il-Kunsill approva.

22.5.2 AKL- Laqgħa tal-Bus Shelters nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2026. Il-Kunsill ser jattendi.

22.5.3 Donavin Borg- Il-Kunsill infurma lis- Sur Borg li b'rabta ma' l-Attivita Classical Mdina, il-Kunsill ma jistax jaffordja izjed minn €2000 biex isir dan l-avveniment.

22.5.4 Paul Sant Cassia- Ilment li trakkijiet kbar għal tqassim għal ħwienet tal-kummerċ qed jidhlu ġewwa l-Mdina, b'konsegwenza li bollard li qeda quddiem d-dar ġarbet diversi ħsarat u qed jitlob li dawn il-vetturi għandhom jiġu regolarizzati. Il-Kunsill permezz ta' l-avukat tiegħu nfurma lis- Sur Sant-Cassia li bħala Kunsill ser naraw l-possibilita' li jiġu introdotti mizuri biex ssir kemm jista' jkun restrizzjoni tagħhom..

22.6.5 Cuture Venture- Talba biex triġi nstallata totem fi Pjazza San Pawl bħala reklam għal kunċert mzuikali l-Katidral ta' L- Mdina. Il-Kunsill ma approvax.

22.6.6 Anti- Poverty Forum- Talba biex il-Kunsill ikun firmatarju għal dikjarazzjoni " Verdala Declaration on Homelessness 2025. Il-Kunsill mhux ser jipparteċipa f'din id- dikjarazzjoni.

**22.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

22.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 23 ta' Marzu 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 107,679.55

22.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**22.7 Tmiem tal- Laqgħa**

20.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.28 pm u ġiet aġġornata għad-24 ta' April 2026 fit-3pm.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___24 ta' April 2026__